**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-5 TA' LULJU, 2023**

**Kawża fuq il-lista nru. 7**

**Rik. nru. 290/2022 RGM**

**Rikors ta'**
**Alexander Attard et. ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12**

**Wara Ittra Uffiċjali nru. 896/22 ippreżentata fit-3 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet:**

**Flexitrade International Limited**

**v.**

**Alexander Attard, Elaine Attard, Robert Attard u Jeanette Attard.**

**Il-Qorti;**

*Dan huwa digriet dwar talba sabiex il-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni ta' numru ta' kambjali. Talba magħmula ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Matta wara li ġiet notifikata ittra uffiċjali sabiex tirrendi eżegwibbli numru ta' kambjali ai termini tal-Artikolu 256 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

**Daħla**.

1. Ir-Rikorrenti **Alexander Attard, Attard, Elaine Attard, Robert Attard u Jeanette Attard (ir-Rikorrenti)** ippreżentaw fl-4 ta' April 2022 rikors kontra **Flexitrade International Limited (Flexitrade)** jitolbu lill-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali mertu tal-ittra uffiċjali numru 896/22 ai termini tal-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12. Ir-Rikorrenti resqu din it-talba wara li ppremettew illi huma kienu ffirmaw numru ta' kambjali a favur Fleixtrade in konnessjoni ma' _*Service agreement*_ _u_ _*Loan Agreement*_; il-*loan agreement* kien għal €100,000 ripagabbli f'pagamenti mensili fuq medda ta' sitt snin b'imgħax bi 8%; filwaqt li s-*service agreement* kien għall-ammont ta' €50,000 għal servizzi; illi dawk is-servizz imsemmija fis-*service agreement* qatt ma ġew prestati; illi Flexitrade tħallset parti mis-somma ta' €50,000 u qed tittenta tirrendi eżegwibbli kambjali fl-ammont ta' €38,500; illi r-Rikorrenti intavolaw kawża jitolbu t-terminazzjoni tas-*service agreement* minħabba ksur tal-kuntratt; illi jekk il-kambjali jiġu eżegwiti jkun ifisser illi Flexitrade titħallas għall-servizzi li ma wetqitx.

2. _B'risposta tat-13 ta' Mejju, 2022 Flexitrade_ laqgħet għat-talba tar-Rikorrenti billi resqet is-segwenti eċċezzjonijiet u sottomissjonijiet:

(i) Illi hija qed topponi għat-talba tar-Rikorrenti peress li infondata fil-fatt u fid-dritt;

(ii) Illi t-talba tar-Rikorrenti ma tinkwadrax ruħha f'waħda miż-żewġ raġunijiet msemmija fil-proviso tal-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12, peress li ma hemmx kontestazzjoni dwar firem fuq

il-kambjali u ma tresqux raġunijiet gravi u validi għaliex il-kambjali m'għandhomx jiġu eżegwiti;

(iii) Illi jirriżulta minn qari tas-*service agreement* li l-import tal-kambjali mertu tal-ittra uffiċjali u allura ta' dawn il-proċeduri jirreferi għall-servizzi ġia provduti minn Flexitrade lir-Rikorrenti;

(iv) Illi għalhekk l-allegazzjoni tar-Rikorrenti li l-kambjali jirreferu għall-ħlas ta' servizzi li kellhom jingħataw u ma ingħatawx ma tirriżultax minn qari tas-*service agreement* li jistipula li l-ħlas kien dovut għal servizzi ġia prestati u mhux għal servizzi li kien għad iridu jiġu prestati;

(v) Illi r-raġuni miġjuba mir-Rikorrenti hija waħda frivola u kapriċċuża u ma tikwalifikax bħala raġuni gravi u valida fit-termini tal-liġi;

(vi) Illi r-rikors tar-Rikorrenti huwa frivolu u vessatorju u tentativ sabiex ir-Rikorrenti iċaħħdu lil Flexitrade minn dak lilha dovut.

3. Rat illi b'digriet tat-12 ta' April, 2022 appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-10 ta' Mejju, 2022.

4. Rat il-provi li resqu l-partijiet.

5. Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2023 il-partijiet iddikjaraw illi m'għandhomx provi aktar xi jressqu u r-rikors tħalla għal digriet finali.

6. Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat;

**Fatti Rilevanti**.

7. Fis-sena 2017 il-partijiet iffirmaw żewġ skritturi. L-ewwel waħda issejħet *Loan Agreement* permezz ta' liema Flexitrade selfet lir-Rikorrenti s-somma ta' €100,000 ripagabbli fuq terminu ta' sitt snin taħt diversi kondizzjonijiet ewlenin fosthom illi s-self kien qed isir bl-imgħax ta' 8% u li "... the repayment of the Loan shall be guaranteed further by the execution of bills of exchange".

8. Dwar dak il-kuntratt ta' self ma jidhirx li hemm disgwid bejn il-partijiet u l-kambjali marbuta miegħu ma humiex parti mill-mertu tal-proċeduri odjerni.

9. Il-mertu tal-proċeduri odjerni jirrigwarda l-kambjali li huma assoċjati mas-*service agreement* li permezz tiegħu il-partijiet ftehmu illi għas-servizzi ta' konsulenza provduti minn Flexitrade lir-Rikorrenti relatat mal-ġestjoni u tmexxija tan-negozju tar-Rikorrenti, ir-Rikorrenti kellhom iħallsu lil Flexitrade is-somma ta' ħamsin elf ewro (€50,000) taħt diversi kondizzjonijiet fosthom li l-ammont kellu jiġi mħallas fi żmien sitt snin u li "... the payment for the Services provided as per clause 2 of this Agreement, is being guaranteed by bills of exchange."

10. Mal-iffirmar tas-*service agreement* ir-Rikorrenti iffirmaw a favur Flexitrade numru ta' kambjali sabiex jiggarantixxu l-ħlas tas-somma imsemmija ta' €50,000 bl-import ta' €2,750.00 il-waħda.

11. B'ittra uffiċjali tat-3 ta' Marzu, 2022 Flexitrade interpellat lir-Rikorrenti sabiex iħallsu l-import ta' erbatax-il kambjala li skadew rispettivament bejn il-31 ta' Jannar 2021 u t-28 ta' Frar, 2022 ammontanti komplessivament għal €38,500.00; avżathom illi permezz ta' dak l-att kienu qed irendu titolu eżekuttiv l-istess kambjali u li fin-nuqqas ta' ħlas kienet ser tgħaddi sabiex teżegwixxi t-titolu eżekuttiv tagħha.

12. Ir-Rikorrenti għaddew sabiex istitwew il-proċeduri odjerni fejn qed jikkontestaw il-jedd ta' Flexitrade li tirrendi l-kambjali imsemmija f'titoli eżekutivi. Ir-rikorrneti jikkontendu illi dawn il-kambjali huma marbuta ma' 'Services Agreement' fejn ġie miftiehem li għal servizzi li Flexitrade tat lir-rikorrenti kellha titħallas is-somma ta' €50,000 liema servizzi qatt ma ġew ipprestati. Għalhekk ir-rikorrenti jikkontendu illi ma għandhomx iħallsu il-kambjali peress illi qatt ma irċevew is-serivizzi li l-kambjali jirrappreżentaw il-ħlas tagħhjom.

13. Fit-2 ta' Frar, 2023 ir-rikorrenti intavolaw kawża kontra Flexitrade[1] fejn qed jitolbu lill-Qorti (i) tiddikjara illi Flextrade naqset milli tonora l-obbligi assunti minha fl-iskrittura ta' Services Agreement minħabba li qatt ma pprestat tali servizzi; (ii) tordna r-riżoluzzjoni u/jew il-ħall ta' dik l-iskrittura; (iii) tiddikjara illi Flexitrade ma tistax teżegwixxi l-kambjali fil-konfront tar-rikorrenti; (iv) tordna r-rexxissjoni jew ix-xoljiment tal-istess kambjali jew liema minnhom u ta' kwalunkwe obbligi fil-liġi li dawn iġibu magħhom; (v) tiddikajra illi r-rikorrenti ma għandhom jagħtu xejn lil Flexitrade; (vi) tordna lil Flexitrade tirrimborsa lir-rikorrenti il-flejjes li irċeviet b'effett tal-iskrittura.

[1] Robert Attard et. v. Flexitrade International Limited - Rik Gur 105/23GG - Differita

14. Dawk it-talbiet tresqu mir-rikorrenti wara li r-rikorrent Robert Attard ħalef f'dik il-kawża illi għalkemm fuq is-service agreement intqal li l-partijiet kienu qed jaqblu li r-rikorrenti kellhom iħallsu lil Flexitrade is-somma ta' €50,000 ta' servizzi, fil-fatt dawn is-servizzi qatt ma ingħataw. Fi kliem ieħor qed jikkontendu r-rikorrenti li s-servizzi maqbula qatt ma gew prestati nonostante dak li hemm miktub u għalhekk qed jitolbu r-rexxissjoni tas-service agreement u tal-kambjali mertu tal-proċeduri odjerni.

**Konsiderazzjonijiet**.

15. L-azzjoni promossa mir-rikorrenti hija msejsa fuq **Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12.** Opportun li jsiru s-segwenti konsiderazzjonijiet ta' xejra legali regolanti l-kambjali b'mod ġenerali u l-proċedura taħt Artikolu 253 (e ) b'mod speċjali:

1) Kambjala hija titolu eżekuttiv (Art. 253, Kap. 12);

2) Kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas (**trattarju** - ***drawee***) , u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas (**prenditur** - ***payee***), iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha (**traent** - ***drawer***) (**Art. 123, Kodiċi tal-Kummerċ – Kap. 13**);

3) Kambjala tista' tinġibed għall-ordni ta' terza persuna jew għall-ordni ta' dak stess li ġibidha (drawer/payee).[2]

[2] Art. 127 - Kap. 13

4) It-traent għandu jassigura illi meta kambjala tiġi sabiex tagħlaq ikun hemm fondi biżżejjed f'idejn it-trattarju sabiex jagħmlu tajjeb għall-import tal-kambjala[3]; jekk it-trattarju fil-jum li tagħlaq il-kambjala huwa debitur tat-traent, huwa meqjus li għall-finijiet tal-liġi l-provvista tal-fondi saret f'idejn it-trattarju[4]; l-aċċettazzjoni tal-kambjala mit-trattarju espressa bil-firma tat-trattarju fuq il-kambjala tissupponi li hemm il-provvista tal-fondi, u hija tagħmel prova ta' dik il-provvista kwantu għall-pussessuri u għall-ġiranti; it-traent biss, ikun hemm jew ma jkunx hemm aċċettazzjoni, hu fl-obbligu li jipprova, fil-każ ta' kontestazzjoni, li l-persuni li fuqhom il-kambjala kienet miġbuda kellhom il-provvista tal-fondi meħtiega għall-ħlas tal-kambjala fiż-żmien li għalqet; inkella jkun obbligat jagħmel tajjeb għall-kambjala[5];

5) Sabiex kambjala tiġi reża esegwibbli wara li tagħlaq jeħtieġ li l-prenditur jew il-pussessur tal-kambjala jippreżenta ittra uffiċjali kontra t-trattarju. L-ittra uffiċjali hija nulla jekk ma jkunx fiha avviz dwar il-jedd li għandu min biha jiġi notifikat illi jikkontestaha bil-proċedura stabbilita fil-proviso ta' Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12[6].

6) **Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12** jitratta kif titolu eżekuttiv konsistenti f'kambjala jista' jiġi attakkat u mhux kif atti eżekuttivi jistgħu jiġu attakati kif inhu l-każ taħt **Artikolu 281 (4) tal-Kap. 12.** (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri)

[3] Art. 131 - Kap. 13
[4] Art. 132 - Kap. 13
[5] Art. 133 - Kap. 13
[6] Art. 256 (2) - Kap. 12

mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2023 fl-atti tal-ittra uffċjali fl-ismijiet **Victor Fenech noe. vs. Angelo Zahra** (828/19)).

7) Fil-proċedura għas-sospensjoni taħt Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 mhux mandatorju li l-Qorti tappunta r-rikors għas-smiegħ; b'differenza għar-rikors taħt Artikolu 281 li jattakka mandat eżekuttiv fejn skond sub-inċiż 3 tal-artikolu imsemmi l-Qorti marbuta li tisma' lill-partijiet. B'danakollu huwa dejjem rakkomandabbli li Qorti tagħti l-opportunita' lill-partijiet li jinstemgħu qabel ma tiddeċiedi tissospendiex l-eżekuzzjoni ta' kambjali jew le.

8) Għalkemm **Artikolu 256 (2) tal-Kap. 12** jipprovdi illi kull titolu eżekuttiv li ma hux sentenza jista' jiġi eżegwit wara jumejn min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju, u għalkemm kif rajna kambjala hija titolu eżekuttiv, dan l-artikolu għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 258 (e) li jipprovdi dwar id-dritt ta' intimat li żmien 20 jum min-notifika tal-ittra ufficjali jikkontesta l-eżegwibilita' tal-kambjala bil-proċedura sommarja kontemplata fil-proviso ta' Art. 253 (e) tal-Kap. 12 u jitlob is-sospensjoni tagħha.

9) F'azzjoni taħt Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 il-Qorti għandha s-setgħa li "<u>tissospendi l-eżekuzzjoni"</u> tal-kambjala jekk jirriżultalha illi l-firma fuq dik il-kambjala ma tkunx tat-trattarju li jkun aċċetta l-kambjala jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra "<u>gravi u validi"</u> biex topponi dik l-eżekuzzjoni.

10) Jekk il-Qorti tkun sodisfatta li hemm raġunijiet gravi u validi, tista' tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala, in toto jew in

parte; bil-fakolta' li timponi wkoll garanzija għaż-żmien tas-sospensjoni.

11) X'jikkostitwixxi '<u>raġuni gravi u valida'</u> huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Il-liġi ssemmi biss bħala eżempju ta' raġuni gravi u valida meta jiġi allegat li l-firma fuq il-kambjala ma hiex ta' min qed jintalab il-ħlas tal-import tagħha u lanqas tal-mandatarju tagħha. Inżamm bħala raġuni gravi u valida in-nuqqas li tiġi annessa mal-ittra uffiċjali kopja tal-kambjala jew inkella kawżali msejsa fuq allegat illeċita' tal-obbligazzjoni li waslet għall-iffirmar tal-kambjala.[7]

12) Ladarba l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala, biex persuna tesiġi l-ħlas tal-kambjala ikun jeħtiġilha li tipproċedi b'kawża skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

13) Id-deċiżżjoni tal-Qorti li tilqa' t-talba għas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala tingħata permezz ta' digriet u mhux permezz ta' sentenza; liema digriet ma hux appellabbli. Mill-banda l-oħra digriet li jiċħad it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni huwa appellabbli.

14) Mal-preżentata ta' ittra uffiċjali mill-pussessur/traent tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 256 (2) moqri flimkien ma' Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12, jista' jintalab il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju li jista' jiġi kkonvertit f'wieħed eżekuttiv malli

[7] Victor Fenech noe. v. Angelo Zahra - Appell Superjuri - 31 ta' Mejju, 2023;

kemm-il darba t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala tiġi miċħuda.[8]

15) Meta kambjala ma tiġiex ġirata u tibqa' fil-patrimonju tal-kreditur tal-obbligazzjoni li waslet għall-ħruġ tagħha; ma takkwistax natura awtonoma u indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Hu biss meta l-kambjala tkun ġirata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti biss fuq dak li joħrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala ma toħloqx novazzjoni. Meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tiġi distakkata mill-obbligazzjoni oriġinali (**John Giordmaina et. v. Joseph Pace et.** - Appell Superjuri - 7 ta' Lulju, 2006).

16. **Applikati dawn il-priċipji għall-każ in eżami**, jeħtieġ li l-Qorti tikkonsidra jekk ir-raġuni mressqa mir-Rikorrenti għas-sospensjoni tal-eżegwibilita' tal-kambjali issarrafx f'raġuni valida u gravi li twassal għas-sospensjoni fit-termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12

17. Skond ir-Rikorrenti "... dawn is-servizzi li ġew prezzati ħamsin elf Ewro (€50,000) f'dan is-Services Agreement, qatt ma ġew prestati...".

18. Mhux kull allegazzjoni intiża sabiex twaqqaf l-eżekuzzjoni ta' kambjala tikwalifika bħala "raġuni gravi u valida" kontemplata fl-Artikolu 253 (e ) tal-Kap. 12. Kull każ għandu jiġi kkonsidrat skond il-fatti specie partikolari tiegħu. Pero' meta l-allegat debitur jersaq 'il quddiem b'allegazzjoni ta' din

[8] Art. 838B (2) - Kap. 12 (il-kliem hemm adoperat ma hux feliċi in kwantu jagħti x'jifhem li l-ittra uffiċjali tirrendi l-kambjala titolu eżekuttiv; mentri rajna kif il-kambjala hi minnha nnifisha titolu eżekuttiv bis-saħħa tal-Artikolu 253 tal-Kap 12, li tiġi reża esegwibbli bis-saħħa ta' ittra uffiċjali ai termini ta' Art. 256 (2) Kap. 12.)

ix-xorta; mhux biżżejjed li min qed ifittex il-ħlas tal-kambjala jistrieħ fuq il-firem fuq l-iskrittura jew fuq il-kambjali impunjati.

19. Kif rajna supra, kambjala mhux ġirata ma takkwistax karattru awtonomu u indipendenti mill-obligazzjoni li tat l-oriġini għaliha. Bil-konsegwenza li f'tali ċirkostanzi dak li jolqot l-obbligazzjoni oriġinali neċessarjament jolqot ukoll lill-kambjali mabuta magħha.

20. *Prima facie* l-allegazzjoni tar-Rikorrenti li Flexitrade ma pprestat l-ebda servizzi tmur dijametrikament kontra dak li hemm espressament stipulat fis-*Services Agreement*.

21. Ma kienx il-ħsieb tal-leġislatur wara Artikolu 253 (e ) tal-Kap. 12 illi fil-proċedura hemm kontemplata għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala bħal dik odjerna li l-Qorti tagħti ġudizzju dwar min mill-partijiet għandu raġun fil-mertu. Tant illi fl-istess artikolu tal-liġi jingħad illi jekk il-Qorti tilqa' t-talba għas-sospensjoni, il-pussessur tal-kambjala, jew it-traent fil-każ tagħna peress li l-kambjali ma ġewx ġirati, ikun jeħtieġlu li jistitwixxi kawża fit-termini tal-Kodiċi tal-Kummerċ sabiex jiġi trattat il-mertu.

22. **Għaldaqstant fi proċeduri bħal dawk odjerni taħt l-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 il-Qorti trid toqgħod b'seba' għajnejn illi ma tinvestiex il-vertenza ta' bejn il-partijiet dwar in-negozju li ta l-oriġini għall-kambjala kontestata, ma tagħti l-ebda ġudizzju dwar min mill-partijiet għandu raġun, u tillimita ruħha sabiex tara jekk hemmx il-*fumus* ekwivalenti għal <u>raġuni valida u gravi</u> sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-**

**kambajali filwaqt li tħalli impreġudikati l-posizzjonijiet reċiproċi u kuntrastanti tal-partijiet.**

23. **Isegwi għalhekk illi akkoljiment tat-talba għas-sospensjoni ma jfissirx illi min kien rebbieħ fit-talba għas-sospensjoni neċessarjament ser ikollu suċċess fl-azzjoni kambjarja jew fl-azzjoni li tattakka n-neġożju marbut ma' dawk il-kambjali jew fl-azzjoni li tattakka l-validita' tal-kambjali; daqskemm caħda tat-talba għas-sospensjoni ma jfissirx neċessarjament illi l-azzjoni li tattakka n-negozju marbut mal-kambjali u l-kambjali infushom hija destinata li tfalli.**

24. Dan premess, din il-Qorti tqis li anke fi proċeduri taħt Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 li mhux ser jiddeċiedu l-mertu tal-vertenza, meta l-possessur ta' kambjala mhux ġirata jiġi rinfaċċjat b'allegazzjoni illi n-negozju li l-kambjala tirrappreżenta qed jiġi impunjat jew huwa ineżistenti, ma jistax jistrieh biss fuq il-firma tat-trattarju.

25. Meta wieħed jifli sew l-atti isib illi fl-ebda ħin ma resaq 'il quddiem xi rappreżentant ta' Flexitrade jikkuntrasta l-allegazzjoni tar-rikorrenti billi jiddikjara illi s-servizzi kontemplati fis-'service agreement' verament ingħataw, min tahom u fhiex kienu jikkonsistu. Evidenza ta' din ix-xorta ma kelliex tkun diffiċli sabiex Flexitrade tressaqha f'dawn il-proċeduri. Per' nonostante li ingħatat kull opportunita' li tressaq provi in sostenn tal-posizzjoni tagħha, hija naqset milli tagħmel dan mingħajr fil-fehma tal-Qorti l-ebda raġuni valida apparenti.

26. Ir-rikorrenti sostnew illi s-soċjeta' intimata ma pprestatx servizzi u dwar dan intavolaw kawża. Il-prova tal-assenza ta'

fatt ma tistax tiġi ppruvata bl-istess mod bħalma jiġi ppruvat fatt li seħħ. Una volta r-rikorrenti żammew tul il-proċedura odjerna kollha illi s-servizzi mis-soċjeta' intimata ma ingħataw qatt, u tenut kont li hawn non si tratta ta' kambjali ġirati iżda kambjali li kienu u għadhom f'idejn il-persuna ġuridika li kkuntrattat mar-rikorrenti; kien jinkombi fuq Flexitrade illi almenu tirribatti tali allegazzjoni serja b'xi forma ta' prova, tenwa kemm hi tenwa. Kif rajna minn dan kollu Felexitrade ma għamlet xejn u qieset illi l-iskrittura bil-firem tar-rikorrenti kienet suffiċjenti sabiex twarrab il-konsiderazzjoni ta' raġunijiet gravi u validi.

27. Fil-fehma tal-Qorti il-linja difensjonali li ħadet Flexitrade li tistrieħ fuq il-firem tar-rikorrenti fuq l-iskrittura u fuq il-kambjali marbuta magħha ma kienux suffiċjenti għall-Qorti sabiex tiċħad it-talba tar-rikorrenti tenut kont illi proprju r-rikorrenti qegħdin f'kawża oħra jimpunjaw il-validita' ta' dik l-iskrittura u l-valdita' ta' dawk il-kambjali.

28. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis illi hemm raġunijiet gravi u validi fit-termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali imsemmija fir-rikors promotur.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' Alexander Attard et. tal-4 ta' April, 2022 billi,

1. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjeta' intimata Flexitrade International Limited safejn kompatibbli mal-konsiderazzjonijet fuq magħmula;

2. **Tilqa'** r-rikors, tiddikjara illi hemm raġunijiet gravi u validi fit-termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. **Tordna** s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali mertu tal-ittra uffiċjali bin-numru 896/22 ippreżentata mis-soċjeta' intimata fit-3 ta' Marzu, 2022

4. **Tordna** li a karigu tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, kopja ta' dan id-digriet tiġi inserita fl-atti tal-ittra uffiċjali imsemmija numru 896/22.

5. **Bl-ispejjeż** riżervati għas-sentenza fil-kawża fil-mertu numru 105/23 GG pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Moqrija,

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

5 ta' Lulju, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**